

Stqarrija ta' privatezza speċifika

It-trattament tal-ilmenti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

L-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni Ewropea huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.¹

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea tiġbor, tittratta u tiżgura l-protezzjoni tad-*data* personali kollha pprovduta, kif tintuża dik l-informazzjoni u xi drittijiet għandek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek. Hija tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek miegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Din l-operazzjoni ta' pproċessar titwettaq mill-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali, is-Servizz tar-Renju Unit kif ukoll mid-dipartimenti tal-Kummissjoni responsabbli għat-trattament u s-segwitu ta' lmenti speċifiċi.

1. Il-proċess tat-trattament tal-ilmenti

Kwalunkwe persuna jew korp jista' jressaq ilment mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Kummissjoni teżamina l-ilment u tiddeċiedi jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri jew le. Għal ilmenti relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni mir-Renju Unit, il-Kummissjoni tista' tidħol fi djalogu informali mal-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali u/jew tista' tiddeċiedi li tniedi proċedura formali ta' arbitraġġ. Għal ilmenti relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni minn Stat Membru tal-UE,

il-Kummissjoni tista' tidħol fi djalogu informali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati dwar kwistjonijiet relatati man-nuqqas potenzjali ta' konformità mad-dritt tal-UE u/jew tista' tiddeċiedi li tiftaħ proċedura ta' ksur formali kontra l-Istat Membru rispettiv.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa limitat għal ilmenti li jirreferu speċifikament għall-implimentazzjoni mir-Renju Unit ta' oqsma mhux relatati mal-kummerċ tal-ftehim.

L-ilmenti relatati mal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-UE huma koperti mill-operazzjoni tal-ipproċessar "Implimentazzjoni u infurzar tal-liġi tal-UE" (DPR-EC-00082). Barra minn hekk, ilmenti relatati mal-kummerċ, jiġifieri lmenti li jaqgħu taħt l-intestatura numru wieħed TCA "Kummerċ", huma koperti mill-operazzjoni tal-ipproċessar "Bażi tad-*Data* tal-Aċċess għas-Suq" (DPR-EC-00266) u huma wkoll barra mill-ambitu ta' dan ir-rekord.

2. L-identità tal-kontrollur tad-*data*

Il-kontrollur tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-unità SG.H.2, "Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit" fis-Segretarjat Ġenerali (SG), il-Kummissjoni Ewropea.

¹ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

3. Għalfejn u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

L-għan tal-ġbir u t-trattament tal-ilmenti taħt din l-operazzjoni ta' pproċessar, inkluż id-*data*/l-informazzjoni personali li tinsab fiha, huwa li l-Kummissjoni tkun tista' tiċċentralizza u timmonitorja b'mod effiċjenti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit u tiżgura segwitu xieraq tal-ilmenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu mir-Renju Unit ta' oqsma tal-ftehim mhux relatati mal-kummerċ, kif ukoll li tiżgura identifikazzjoni bikrija ta' ksur tal-ftehim jew diverġenzi regolatorji, f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-isforzi ta' implimentazzjoni u infurzar.

L-ilmenti jinġabru permezz ta' formola online, il-punt ċentrali tal-ilmenti. Wara li jitressaq l-ilment, id-*data* personali flimkien mal-ilment jintbagħtu awtomatikament lid-dipartiment kompetenti tal-Kummissjoni.

Id-*data* personali tiegħek *mhix* se tintuża għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati inkluż it-tfassil ta' profili.

4. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali hija pproċessata għat-twettiq ta' komputu li jsir fl-interess pubbliku skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament 2018/1725. Il-liġi tal-Unjoni korrispondenti għall-ipproċessar ta' *data* personali bbażata fuq l-Artikolu 5(1)(a) hija l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif ukoll l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

L-ipproċessar ta' *data* personali mhux obligatorja tal-ilmentatur huwa bbażat fuq il-kunsens tal-ilmentatur f'konformità mal-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament 2018/1725.

5. Liema *data* personali niġbru u nipproċessaw aktar?

Biex tagħti effett lill-garanziji amministrattivi tal-ilmentaturi u tiżgura l-informazzjoni xierqa tagħhom, il-Kummissjoni teħtieġ li tingħata l-isem u l-kunjom kif ukoll l-indirizz tal-posta elettronika tal-ilmentatur. It-test sħiħ tal-ilment, inkluż kull dokument ieħor ipprovdut mill-ilmentatur, jista' jinkludi *data* personali oħra ta' natura diversa ħafna.

L-ebda kategorija speċjali ta' *data* personali skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725 ma hi meħtieġa biex jiġi ttrattat ilment. Madankollu, l-ilmentaturi jistgħu jiddeċiedu spontanjament li jipprovdut tali *data* personali lill-Kummissjoni bħala parti mill-ilment tagħhom. Billi jipprovdut kwalunkwe *data* personali bħal din lill-Kummissjoni Ewropea, l-ilmentatur jitqies li ta l-kunsens espliċitu tiegħu għall-ipproċessar ta' dik id-*data* personali.

6. Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

L-informazzjoni personali miġbura u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha jinżammu fis-servers tal-Kummissjoni Ewropea fiċ-Ċentru tad-*Data* fil-Lussemburgu. Is-server jopera skont id-deċiżjonijiet u d-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà għal dan it-tip ta' server u servizz, jiġifieri [d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tipproteġi d-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata, il-Kummissjoni Ewropea daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, it-tibdil tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat kemm mill-ipproċessar innifsu kif ukoll min-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali għal persuni awtorizzati biss bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar.

7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

L-aċċess għad-*data* personali pproċessata jiġi pprovdut lill-persunal tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għat-twettiq ta' din l-operazzjoni ta' proċessar u lill-persunal awtorizzat skont il-prinċipju tal-*'ħtieġa ta' tagħrif'*. Dan il-persunal jirrispetta ftehimiet statutorji, u fejn meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

L-informazzjoni miġbura mhijiex aċċessibbli għall-pubbliku.

Jekk il-Kummissjoni tkun meħtieġa tidħol fi djalogu mar-Renju Unit jew jekk tingala' tilwima wara lment imressaq lill-Kummissjoni taħt l-operazzjoni ta' pproċessar preżenti, kwalunkwe informazzjoni kondiviża mal-awtoritajiet tar-Renju Unit jew mat-tribunal tal-arbitraġġ issir anonima.

L-informazzjoni personali li niġbru mhu se tingħata lil ebda parti terza, ħief sal-punt u għall-iskop li nistgħu nkunu meħtieġa li nagħmlu dan bil-liġi.

Jekk jogħġbok innota li skont l-Artikolu 3(13) tar-Regolament, l-awtoritajiet pubbliċi (eż. il-Qorti tal-Awdituri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE) li jistgħu jirċievu *data* personali fil-qafas ta' inkjesta partikolari f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew tal-Istat Membru ma għandhomx jitqiesu bħala riċevituri. L-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-*data* minn dawk l-awtoritajiet pubbliċi għandu jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* skont l-għanijiet tal-ipproċessar.

8. Għal kemm żmien inżommu d-*data* personali tiegħek?

Il-Kummissjoni Ewropea żżomm id-*data* personali biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq il-fini tal-ġbir jew għal ipproċessar ulterjuri.

Meta tintbagħat il-formola ta' kuntatt, tiġi ġġenerata email lill-kaxxa postali funzjonali li jkun fiha *data* personali. Din l-email kif ukoll it-tweġiba għaliha jinżammu fil-kaxxa postali funzjonali tad-dipartiment għal 6 xhur. Id-DĠ jista' jirreġistra l-korrispondenza fis-sistema elettronika ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-Kummissjoni "ARES"; f'dan il-każ, id-*data* tinżamm għal 5 snin wara l-għeluq tal-fajl u sussegwentement tiġi eliminata. Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-Kummissjoni ARES jekk jogħġbok irreferi għall-operazzjoni tal-ipproċessar "Ġestjoni u preservazzjoni (fuq żmien qasir u medju) tad-dokumenti tal-Kummissjoni", numru ta' referenza: [DPR-EC-00536](#)).

9. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-*data*" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-*data* personali tiegħek u li tirranġaha f'każ li d-*data* personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Għandek id-dritt li tħassar id-*data* personali tiegħek, b'ċerti kundizzjonijiet, li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*. Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a), għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Jekk tkun tajt il-kunsens tiegħek għall-ipproċessar ta' ċerti partijiet tad-*data* personali tiegħek, jiġifieri bl-għoti ta' *data* personali mhux obligatorja, tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe mument billi tinnotifika lill-Kontrollur tad-*Data*. L-irtirar mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Ma għandek l-ebda aċċess dirett għall-informazzjoni maħżuna. Kull min jixtieq jeżerċita d-drittijiet tiegħu bħala suġġett tad-*data* irid jikteb email lil SG-H-ASSISTANTS-UK@ec.europa.eu billi jagħti d-dettalji kollha tat-talba tiegħu jew, f'każ ta' kunflitt, lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ikun meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni ta'

kuntatt tagħhom tinsab fl-intestaturi 10 u 11 iktar 'l isfel.

10. Informazzjoni ta' kuntatt

- Il-Kontrollur tad-Data:

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-kontrollur tad-*data*, jew b'email lil SG-H-ASSISTANTS-UK@ec.europa.eu jew b'ittra lil Secretariat General (SG.H.2), European Commission, B 1049 Brussels.

- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) tal-Kummissjoni:

Tista' tikkuntattja wkoll lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni Ewropea, fl-indirizz tal-posta elettronika: data-protection-officer@ec.europa.eu, dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD):

Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) jekk jidherlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek mill-Kontrollur tad-Data.

11. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha li jipproċessaw id-*data* personali. Tista' taċċessa r-reġistru mil-link li ġejja: <http://ec.europa.eu/dpo-register>

Din l-operazzjoni ta' pproċessar speċifika ġiet inkluża fir-reġistru pubbliku tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data bir-Referenza tar-reġistrazzjoni li ġejja: DPR-EC-09946.